Programme d'éducation
et de formation
tout au long de la vie

Methods
www.languages.dk

# Dwar il-manwal tal-kors CALL



METHODS 2013-1-FR1-1-LEO05-47980

Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti l-ideat tal-awtur biss, u l-Kommissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir tal-informazzjoni misjuba fih.

# Il-Werrej

**Dwar il-manwal tal-kors CALL (Computer Aided Language Learning)** . . . . . . . . 4
**Introduzzjoni għat-Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna tal-Kompjuter** . . . . . . . . . . . 5
**Korsijiet ta' Tagħlim fuq l-internet għall-Għalliema** . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 7
**Attivitajiet Interattivi** . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 9
Logħob Avventuruż jew Labirinti Interattivi fuq l-Internet . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 9
WEBQUESTS . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 9
**Awdjo/Vidjo** . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 12
Taħriġ is-Smigħ . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 12
PODCASTS . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 12
Telefon Ċellulari (il-mowbajl) – Awdjo Embeddjat . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 12
WEBCAM/VODCAST . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 13
**Taħriġ Interattiv** . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 14
Taħriġ Grammatikali . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 14
Imla fejn Meħtieġ (Cloze) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 14
Tislibiet . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 15
Sib l-aħjar Sekwenza (jew Sentenzi Mħallta) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 15
Tqabbil ta' Kliem, Sentenzi jew Stapi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 15
Għażla Multipla . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 15
Tiftix il-Kelma . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 15
Logħob fuq Bord . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 15
Kliem Maqsum . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 16
Mindomo . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 16
Clilstore . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 16
**Komunikazzjoni bl-Għajnuna tal-Kompjuter** . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 17
Blogs (Web Logs) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 17
E-Tandem (Tagħlim minn Xulxin Onlajn) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 18
Taħdit Onlajn . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 18
Taħdit Wieħed ma' Ieħor . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 19
*Skype* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 19
*MSN Messenger* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 19
*FaceTime* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 20
*Babbel* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 20
*WhatsApp* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 20
SWebsajts ta' Netwerk Soċjali . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 20
*Facebook* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 21
*LinkedIn* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 21
*Twitter* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 21
*Pinterest* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 21
*Lino* . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 21

**Ħażna Cloud** . . . 22
Dropbox . . . 22
Google Drive . . . 22
**Referenzi Onlajn** . . . 23
Karta Fonemika Interattiva (Ingliż) . . . 23
Dizzjunarji Onlajn . . . 23
**RSS (Rich Site Summary)** . . . 24
**Tagħlim ta' Lingwi Barranin lil Studenti b'Nuqqas ta' Smigħ** . . . 25
*Tagħlim dwar studenti torox jew b'nuqqas ta' smigħ* . . . 25
*Għajnuna biex tgħallem studenti neqsin mis-smigħ permezz ta' materjal awdjo-viżiv* . . . 25
*Is-Sottotitli ta' Materjal Awdjo-Viżiv* . . . 25
*Sottotitli edukattiv għal tfal torox* . . . 25
**Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna tal-Kompjuter fi ħdan il-qafas ta' Tagħlim Ibbażat fuq Biċċa Xogħol** . . . 26
*Għalxiex it-Tagħlim Ibbażat fuq Biċċa Xogħol?* . . . 26
*Eżempju ta' Pjan ta' Lezzjoni* . . . 26
**Appendiċi** . . . 30
HOT POTATOES – prodott ta' Half-Baked Software . . . 30
*Dehra fuq fuq ta' Hot Potatoes* . . . 30
*Hot Potatoes – JCloze (Jagħmillek Silta bi Kliem Nieqes)* . . . 31
*Hot Potatoes – JMatch (Jiġġenera tqabbil ta' Kliem/Stampi)* . . . 31
*Hot Potatoes – JQuiz (Joħloq Kwizis)* . . . 31
*Hot Potatoes – JCross (Jiġġenera Tislibiet)* . . . 31
*Hot Potatoes – JMix (Jiġġenera Kliem Imħallat)* . . . 31
**IL-MENU TAL-LINGWA** . . . 31
*BĠeneratur ta' Logħob fuq Bord* . . . 32
*Ġeneratur ta' Tislibiet* . . . 32
*Tiftix il-Kelma* . . . 32
*Imla fejn Meħtieġ* . . . 32
*Agħmel il-Flexxkards Tiegħek* . . . 32
*Semmi l-Istampi* . . . 32
*Ġeneratur ta' Taħriġ it-Tqabbil* . . . 32
*Għażla Multipla* . . . 32
*Kliem Nieqes* . . . 33
*Kliem Maqsum* . . . 33
*Framework* . . . 33
*Sentenzi Mħawda* . . . 33
*Spiral tal-Kliem* . . . 33
*Lined* . . . 33

## Dwar il-manwal tal-kors CALL (Computer Aided Language Learning)

Oriġinalment ikkompilat: 2002 – 2004, timijiet tal-proġett BP-BLTM
L-ewwel aġġornament: 2005 – 2007, il-proġett POOLS

It-tieni aġġornament: 2010, il-proġett POOLS-2

- Il-kontenut ewlieni kien aġġornat and aktar kontenut ġie miżjud fl-2010 minn membri tat-tim minn POOLS-2, li hu proġett ta' Trasferiment ta' Innovazzjoni bbażat fuq l-ewwel proġett tal-POOLS. Il-kontenut tal-manwal se jkun użat minn proġett ieħor ta' ToL, POOLS-M, li juża metodi ta' tagħlim tal-lingwa, u għalhekk wieħed mit-timijiet ta' POOLS-M. L-Universita' tax-Xjenza Applikata tan-Nofsinhar tal-Isvizzera (SUPSI) ħadmet fuq il-lingwa u l-kontenut (editjar) u tat pariri lit-timijiet tal-proġett POOLS-2.

It-tielet aġġornament: 2014, il-proġett tal-Metodi tal-POOLS

- Il-kontenut ewlieni kien aġġornat biex jimxi mat-tibdil teknoloġiku eżistenti.
  Xi affarijiet tneħħew għax skadew jew ma baqgħalhomx użu.

Iż-żidiet saru fid-dawl tal-iżviluppi li bdew iseħħu wara l-verżjoni tal-2010.

L-Executive Training Institute (ETI) Malta ħa ħsieb kemm l-adattament tal-kontenut u kemm l-editjar tal-lingwa tal-din il-verżjoni tal-manwal tal-kors.

## Introduzzjoni għat-Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna tal-Kompjuter (TLGħK)

It-Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna tal-Kompjuter (TLGħK) hu spiss ikkonsidrat bħala metodu ta' tagħlim tal-lingwa, imma dan mhux eżattament il-każ. F'TLGħK tradizzjonali l-metodoloġija kien aktarx ibbażata fuq komportamentiżmu bħallikieku 'tagħlim programmabbli', fejn il-kompjuter jiċċekkja xi jdaħħal l-istudent u jagħti feedback u jmexxi għal attivita' adattata. F'TLGħK modern l-enfasi hi fuq komunikazzjoni u taħriġ.

Aktar riċentament, tfaċċa t-terminu Tagħlim Imtejjeb bit-Teknoloġija (*Technology-Enhanced Learning)*. Taħt dan it-terminu umbrella nsibu teknoloġiji edukattivi, klassijiet imtejba bit-teknoloġija (hardwer), jew Teknoloġija tal-Informazzjoni u Komunikazzjoni għat-tagħlim fil-klassi. It-Tagħlim Imtejjeb bit-Teknoloġija jista' jfisser ukoll tagħlim mat-teknoloġija (b'għodod konixxittivi) għall-maqlub ta' tagħlim bit-teknoloġija. Aspett ieħor ta' dan it-tip ta' Tagħlim hu tagħlim elettroniku, li jista' jitqies bħala l-użu tat-teknoloġija biex jittieħed tagħlim massimu f'ambjent ta' kors imfassal tajjeb li jista' joffri studenti għażla ta' ħin, post u andament komdu, u jenfasizza stili ta' tagħlim differenti.

(TEL Committee, University of Texas: p.6)
https://www.utexas.edu/provost/research/TEL_Report_2004.pdf
F'dawn l-aħħar snin l-iżvilupp mgħaġġel ta' apparat ta' kompjuter li jinġarr wassal it-teknoloġija anki fil-klassi li sa 20 sena ilu ma konniex noħolmu li ssir. Is-sehem tal-kompjuter fit-TLGħK inbidel radilkalment minn 'dħul fil-kompjuter – kontroll – feedback' għal maniġġjar tal-komunikazzjoni b'testi, awdjo u vidjo. Importanti li tiftakar li t-terminu 'kompjuter' mhux limitat għal Kompjuter Personali, MAC jew LINUX imma sewwasew għal apparat elettroniku li issa jista' jinġarr fi bwietna.

Mistoqsija li tinqala' dwar l-għodod fl-istudju tat-TLGħK hi 'Kif nistgħu nużaw it-TLGħK għat-tagħlim ta' lingwi li ma tantx jintużaw jew jiġu mgħallma?' Żomm f'moħħok li t-TLGħK mhux maħsub biex jieħu post prattiċi diġa' wżati fit-tagħlim. L-istudenti m'għandhomx joqogħdu quddiem kompjuter biex jitgħallmu lingwa, imma għandhom jitgħallmu lingwa li kultant iġġegħlhom jużaw kompjuter għall-iżvilupp komunikkattiv tagħhom. Għaldaqstant, it-TLGħK hi għodda u mhux metodu li jiffaċilita t-tagħlim. Fl-ippjanar tat- TLGħK hu importanti li tifhem kif wieħed jitgħallem lingwa. It-tagħlim tal-lingwa hu proċess konixxittiv, ir-riżultat tal-ipproċessar tal-istudent innifsu tad-dħul tal-lingwa. Mhumiex l-ispjegazzjonijiet li huma l-qofol ta' dak li wieħed qiegħed jitgħallem imma il-proċess. Il-forma u t-tifsira jistgħu jingħataw minn għalliem u minn kompjuter, li jwasslu li wieħed jifhem il-forma u t-tifsira – imma l-użu tal-lingwa u l-akkwist tagħha jinkisbu mill-kuntest tat-topik li jkun studjat. Minn dak li diġa` jaf dwar it-topik, l-istudent jipproċċessa d-dħul u jiffittjah fis-sistema lingwistika tiegħu. Dak li jaf dwar il-lingwa mhux biss ikun rekordjat imma sewwasew mibni mill-istudent – b'hekk jeħfif l-akkwist tal-lingwa. Il-kompjuters ma jagħlux kummenti imma jiffaċilitaw billi jipprovu mezz għal dan.

Dejjem kien hemm il-biża' tal-aspett soċjali waqt it-tħaddim tal-TLGħK u t-tagħlim imqabbad mal-internet. Kien hemm il-fehma li l-komunita` li tuża l-kompjuter hi nieqsa minn relazzjonijiet soċjali. Madanakollu, diversi preżentazzjonijiet waqt konferenzi tal-EUROCALL urew li klassijiet tat-tagħlim imqabbad mal-internet u li jagħmlu konferenzi bl-awdjo fil-fatt żviluppaw sens b'saħħtu ta' komunita` soċjali. (eż.: *"The Loneliness of the Long-Distance Teacher: The Role of Social Presence in the Online Classroom."* ta' Tammelin Maija mill-Iskola tal-Ekonomija ta' Helsinki, Helsinki, il-Fillandja u preżentazzjoni oħra *"Fostering (pro)active language learning through MOO"* ta' Lesley Shield, Open University, Milton Keynes, ir-Renju Unit).

Web 2.0 ukoll ħalli l-impatt tagħha fuq id-dinja llum. Fl-Ewropa diffiċli ssib studenti li mhumiex membri ta' sit ta' netwerk soċjali. Il-komunikazzjoni bl-għajnuna tal-kompjuter m'għadhiex attivita` solitarja, għax komunitajiet li jużaw l-internet qegħdin jiżdiedu.

Il-qasam tan-netwerk soċjali sar tassew mod ta' ħajja għal dawk li jridu jitgħallmu llum u li huma mdorrijin b'komunitajiet fuq l-internet. TLGħK għalhekk japplika għal dawn l-istudenti b'mod familjari għalihom. Dan jista' jwassal għal aktar motivazzjoni, għax issa t-tagħlim m'għadux is-soltu tagħlim bil-karta u l-lapes imma jħaddan għadd ta' għodod teknoloġiċi wżati fil-ħajja ta' kuljum.

It-TLGħK joffri 'l-għalliem u 'l-istudent għadd ta' għodod u attivitajiet li, meta jkunu ppjanati sew bħala parti mill-klassi pedagoġika, jassistu fil-proċess tat-tagħlim tal-lingwa.

## Korsijiet ta' Tagħlim fuq l-internet għall-Għalliema

TLGħK jagħti lill-għalliema l-possibbilta` li jagħmlu t-tagħlim tal-lingwa aktar ħaj u impenjattiv, imma biex iseħħ dan l-għalliema jrid ikollhom ħila tajba fit-tħaddim tal-kompjuter. Ħafna għalliema żgħar huma midħla sew tal-qasam diġitali imma xi għalliema kbar qatt ma kellhom l-opportunita` jistudjaw it-teknoloġija – jista' jkun li xi għalliema kbar studjaw il-kompjuter imma, meta tqis kemm tiżviluppa malajr it-teknoloġija, mhux kapaċi jużaw dak li jafu. Fis-Simpożju Annwali tal-CALICO, 1993, li sar fil-kampus tal-Kulleġġ William and Mary f'Williamsburg, ir-Rettur laqa' l-parteċipanti bil-kliem: "Il-kompjuters qatt mhuma se jieħdu post l-għalliema, imma l-għalliema li jużaw il-kompjuters se jieħdu post dawk li ma jużawhomx." Għalhekk hu importanti li għalliema li ma telgħux jafu jużaw il-kompjuter jagħmlu ħilithom biex isiru midħla tiegħu.

Hawn taħt tista' ssib xi wħud mill-ħafna istituzzjonijiet li joffru għajnuna lill-għalliema biex jitħarrġu fit-tagħlim tal-kompjuter:

### ECDL (European Computer Driving License)

www.ecdl.org

*"Il-Fondazzjoni ECDL hi l-awtorita` internazzjonali tal-programm ta' ċertifikazzjoni fil-ħiliet tal-kompjuter ECDL / ICDL. Il-kwalita` u reputazzjoni tal-programmi ta' ċertifikazzjoni tagħna mibnija fuq aktar minn għaxar snin ta' esperjenza b'suċċess fl-għoti ta' programmi ta' ċertifikazzjoni fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni u Komunikazzjoni (ICT) lil miljuni ta' nies b'lingwi differenti madwar id-dinja."* [i]

L-ECDL hi organizzazzjoni li qiegħda hemm biex taqdi lil dak li jkun. Jekk int kemm kemm taf jew tixtieq issinn il-ħiliet ewlenin fil-qasam tal-kompjuter, l-ECDL għandha korsijiet biex jaqduk.

L-ECDL toffri wkoll korsijiet immirati għall-għalliema u studenti. Għall-għalliema, għandha l-għan li tkabbrilhom il-kunfidenza, turihom teknika li tiffrankalhom il-ħin, ittejjeb il-prattiċi tat-tagħlim u tkabbar il-ħiliet marbuta mal-komunikazzjoni bil-kompjuter.

### ICT4LT (Information & Communication Technology for Language Teachers)

www.ict4lt.org

*"l-għan ewlieni tal-proġett ICT4LT kien li bl-għajnuna tal-Web jipprovdi materjal għal taħriġ fl-ICT lill-għalliema tal-Lingwi Moderni Barranin, inkluż l-Ingliż bħala lingwa barranija."* [ii]

ICT4LT jipprovdi 4 moduli immirati għal ħtiġijiet differenti tal-għalliema tal-lingwa li biħsiebhom jew diġa` jużaw l-ICT biex jgħallmu.

L-Ewwel Modulu jiffoka fuq għarfien u ħila bażika, jintroduċi it-teknoloġiji ġodda li min jużah, il-vantaġġi tagħhom għal min jitgħallem u jgħallem il-lingwa, hardwer u softwer tal-kompjuter li l-għalliem għandu jkun midħla tiegħu, l-għodod tat-test u kif jintużaw, Internet u TLGħK (Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna tal-Kompjuter).

It-Tieni Modulu (livell intermedjarju) jipprovdi informazzjoni dwar il-metodoloġija tat-TLGħK (kif tuża l-multimidja u riżorsi online u offline) and jagħti introduzzjoni għal programmi ta' konkordanza fi klassijiet ta' lingwa moderna barranija.

It-Tielet Modulu jagħti ħarsa lejn aspetti bħal disinn ta' softwer għal TLGħK, ħolqien ta' siti elettroniċi, teknoloġija tal-lingwa umana, u jagħti l-possibbilta` li tiżviluppa ħiliet maniġerjali speċifiċi meħtieġa biex tmexxi ċentru multimidja lingwistiku.

Ir-Raba' Modulu – Assessjar bl-Għajnuna tal-Kompjuter – hu kemm sfida kif ukoll possibbilta` tajba biex tħaffef il-ħajja tal-għalliem u tagħmilha aktar interessanti.

**Executive Training Institute Malta (ETI Malta)**
http://www.etimalta.com
ETI Malta jipprovdi 'l-għalliema 2 korsijiet marbuta mat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni – Tisħiħ fil-ħiliet tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u Tagħlim Imtejjeb bit-Teknoloġija.

Tisħiħ fil-ħiliet tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni – ġimgħa waħda

Tagħlim Imtejjeb bit-Teknoloġija – ġimagħtejn

Dawn iż-żewġ korsijiet huma bbażati fuq ir-riżultati ta' korsijiet POOLS li saru qabel, u jkopru ħafna mill-għodod imsemmija f'dan il-manwal tal-TLGħK. Dawn il-korsijiet li huma prattiċi ħafna huma mfassla biex jissudaw lill-għalliema li jistgħu jħossuhom megħluba mit-teknoloġija llum, jew li jixtiequ jintegraw it-teknoloġija fil-klassijiet tagħhom.

## Attivitajiet Interattivi

### Logħob Avventuruż jew Labirinti Interattivi fuq l-Internet

Logħob avventuruż huma rwoli milgħuba bis-saħħa ta' kompjuter fejn il-parteċipanti jiġu ppreżentati b'sitwazzjonijiet li jinvolvu teħid ta' deċiżjonijiet li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom.  Il-lagħba jagħżlu x'għandhom jagħmlu u jdaħħlu r-riżultat bħala test, taħdit (softwer li jagħraf it-taħdit) jew billi jagħfus minn sett ta' għażliet. Minn dak li jdaħħlu, il-programm joqgħod għas-sitwazzjonijiet imnissla / jagħti feedback.

Labirinti interattivi mhumiex daqshekk komuni daqs kemm kienu qabel imma xorta għadhom jassorbuk. Nuqqas f'dawn il-labirinti interattivi (bħal Quandary) hu li jafu jieħdu xi ftit biex tistallahom. Mill-banda l-oħra, darba installati ma jkunx hemm bżonn aktar indħil mill-għalliem. Barra minn hekk, labirinti jistgħu jitfasslu b'mod li ma jispiċċaw qatt – min jużahom jibqa' 'mitluf' fit-tidwir isolvi l-problemi u jwieġeb il-mistoqsijiet.

Logħob avventuruż jista' jkun fih gost ġmielu meta jkun mibni għal dawk li qegħdin jitgħallmu lingwa, imma sfortunatament ftit biss kienu ddisinjati għal-lingwi inqas mgħallma. Eżempju Portugiż tajjeb, Uma Aventura na União Europeia, ta' Teresa Pacheco, għalliema l-ESES – Escola Superior de Educação de Santarém tista' ssibu hawn:

http://nonio.eses.pt/asp/europa/index.htm
Ara: Quandary - http://www.halfbakedsoftware.com/quandary.php

### Webquests

WebQuest hi attivita` fejn l-istudent iwieġeb mistoqsijiet u /jew jiġbor informazzjoni minn riorsi misjuba l-aktar fuq il-web. Dak li jkun qiegħed jitgħallem jiġi ggwidat lejn lista ppreparata ta' riżorsi fuq l-Internet. Dan ifisser li l-għalliem jipprovdi lill-istudent dawk il-ħoloq (links) li jeħtieġ. WebQuests imfassla biex jiffokaw fuq l-użu u l-analizzazzjoni tal-informazzjoni aktar milli t-tiftix tagħha. WebQuest hi mfassla biex timmira kemm il-ħiliet ogħla tal-ħsieb u kemm dawk inqas, abbażi tat-Tassonomija ta' Bloom.




Ħiliet tal-Ħsieb mill-inqas → għall-ogħla

Dan isir billi dawk li qegħdin jitgħallmu jingħataw taħriġ imsejjes fuq ċerti kelmiet inter-rogattivi li jeħtieġu ħiliet partikulari tal-ħsieb biex jitwettqu.




Bloom's Wheel: http://morethanenglish.edublogs.org

Il-mudell ta' WebQuest ġie żviluppat fil-bidu tal-1995 fl-Universita` tal-Istat ta' San Diego minn Bernie Dodge u Tom March, u wara ġie spjegat fuq fuq fi Some Thoughts About WebQuests.

Meta taħlaq WebQuest, hu importanti li tiftakar li hemm struttura fissa li trid timxi magħha:

1. 1.Daħla - Introduċi l-WebQuest lill-istudenti mingħajr ma tidħol fid-dettall. Xi ħaġa fuq fuq biżżejjed.
2. Taħriġ – Spjega fid-dettall it-taħriġ lill-istudenti.
3. Proċess – Kif se jaħdmu t-taħriġ l-istudenti? Mnejn se jsibu l-informazzjoni meħtieġa biex jagħmlu t-taħriġ? Hu importanti li tillimita l-għadd ta' websajts biex l-għalliem ikun jaf x'qiegħed ifittex l-istudent.

4. Evalwazzjoni – Spjegazzjoni tal-kriterji tal-assessjar.
5. Għeluq – L-għeluq għandu żewġ għanijiet. L-ewwel nett itemm it-taħriġ. It-tieni nett jinvolvi aktar studju jekk ikun meħtieġ.

Il-problema ewlenija fl-użu tal-metodu tal-WebQuest għal-lingwi inqas mgħallma hi l-livell tal-lingwa tal-websajts (ġeneralment għoli ħafna), u li għal xi lingwi l-kontenut jista' jkun limitat.

Ara:

- Webquest.org http://webquest.org/index.php biex titgħallem aktar dwar WebQuests u taċċessa arkivju tal-WebQuest.
- Zunal WebQuest Maker http://zunal.com/ – mezz b'xejn biex tagħmel WebQuest fuq il-web.

## Awdjo/Vidjo

### Taħriġ is-Smigħ

Attivitajiet ta' taħriġ is-smigħ huma bla dubju neċessarji fi klassi tal-lingwa. Biż-żmien il-kompjuter daħal flok it-tejp rikorder kompletament u kważi neħħa l-ħtieġa ta' CD player. Hu eħfef li tmur lura għal fejn trid billi tressaq it-track bar milli żżomm il-buttuna biex tirriwajndja tejp.

### Podcasts

Podcasts huma fajls tal-awdjo fuq l-internet li jistgħu jinstemgħu dirett fuq l-internet jew jitnizzlu fuq kull apparat li jista' jerġa' jsemmagħhom. BL-użu tal-format RSS, Atom jew Yahoo, is-semmiegħa jistgħu jagħżlu li jabbonaw għal kanali tal-podcasts li jinfurmaw lil min jużahom dwar podcasts ġodda li jistgħu jitniżżlu. Id-'dashboards' jew 'qarrejja' li jintużaw biex jiċċeniljaw l-informazzjoni tal-podcast lil min jużaha jsejħulha 'podcatcher'. Xi wħud minn dawn saħansitra jniżżlu l-podcast awtomatikament.

Ara dawn ir-rikorders:

- www.podomatic.com – rirrikordja direttament fuq l-internet u isma' fuq plejer imdaħħal fih
- www.audacity.com – irrikordja fuq il-kompjuter tiegħek biex tqassmu onlajn jew offlajn

Eżempji ta' siti ta' Podcasts (Scottish Gaelic):

- http://www.bbc.co.uk/scotland/alba/foghlam/learngaelic/an_litir_bheag/index.shtml
- http://www.bbc.co.uk/scotland/alba/foghlam/learngaelic/litir/index.shtml

Ara dawn il-Podcathers:

- https://www.apple.com/itunes/ – misjuba fuq iPhone je iPad
- http://www.getmiro.com/

Xi ħoloq għall-Podcasts jinsabu fuq is-sit elettroniku ta' POOLS www.languages.dk jew fuq il-blogg ta' POOLS http://pools3.wordpress.com/

### It-Telefon Ċellulari (il-mowbajl) – Awdjo Embeddjat

Ħafna għalliema tal-lingwa u studenti japprezzaw meterjal għat-tagħlim li jħaddan kemm il-lingwa miktuba kif ukoll il-lingwa mitkellma. Imma l-ħolqien ta' fajls tal-awdjo kien aktar kompless mill-ħolqien ta' fajls bit-test. Dan l-aħħar saru għadd ta' tentattivi biex jagħmlu użu mit-teknoloġija tat-telefon diġitali għal dan l-iskop. Eżempju ta' dan insibuh fuq www.ipadio.com.

Bl-Ipadio tista' tuża linja fissa jew mowbajl biex tirrikordja messaġġ mitkellem daqslikieku qiegħed tħalli messaġġ fuq l-answering machine. Dan il-messaġġ mill-ewwel jinbidel f'fajl tal-awdjo fuq l-internet bil-ħila URL uniku tiegħu. Xi ħaġa oħra hi traskrizzjoni awtomatika, li tagħtik verzjoni bil-miktub tal-messaġġ bl-Ingliż (waqt li tavżak li aktarx ikun hemm xi nuqqasijiet fit-traskrizzjoni).

Biex jintuża dan is-servizz, wieħed irid joħloq kont ma' Ipadio. M'hemmx spejjeż għal konsumaturi individwali ħlief spejjeż tat-telefon, għalkemm Ipadio joffri servizz ta' neġozju. Id-dettalji jinsabu fuq il-websajt. Meta toħloq kont tkun trid tagħti 'l-Ipadio xi dettalji, fosthom żewġ numri tat-telefon li tkun trid tuża. Mill-banda l-oħra, tingħata Numru ta' Identifikazzjoni Personali li tuża kull meta ċċempel biex tirrikordja.
Il-proċedura kollha hi sempliċi ħafna, u tista' tikkanċella rikording kemm-il darba ma jogħġbokx. Hawn għandek xi eżempji magħmula min Gordon Wells. Ir-rikordings miġbura minn Gordon (il-''phlog'' – phone log) jinsabu fuq is-sit Ipadio nnifsu:
http://www.ipadio.com/phlogs.asp?section=2&phlog=17959&itemtype=phlog
Jekk tagħfas ''more'' fuq xi wieħed mill-phonecasts imniżżla fil-lista, tingħata aktar informazzjoni, li xi drabi tinkludi traskrizzjoni bl-Ingliż.

Hemm ukoll spazju għall-kummenti. Pereżempju:
http://www.ipadio.com/phlogs/GordonWells/2010/02/19/Gordons-phlog-Talking-to-Archie-Campbell

Ta' min jinnota li t-traskrizzjoni fil-phonecast t'hawn fuq tneħħiet bil-funzjoni tal-editjar. Hawn għandna eżempju ta' traskrizzjoni mhix editjata bil-magna:
http://www.ipadio.com/phlogs/GordonWells/2010/02/09/Gordons-phlog-3rd-phonecast

IF'kuntest ta' tagħlim tal-lingwa meħtieġa attenzjoni b'din il-faċilita` - imma tista' titgħallem anki billi tikkoreġi l-iżbalji! Il-kwalita` tal-ħoss hi importanti wkoll, u ħafna drabi tiddipendi fuq il-kwalita` tal-konnessjoni tat-telefon. Ta' min jinnota li, barra mill-funzjoni tal-phonecast, hemm ukoll l-għażla li ttella' l-MP3 'tradizzjonali'. Mela jekk diġa` għandek fajls irrikordjati fuq il-kompjuter tiegħek, xorta tista' tuża dawn bl-Ipadio.

Fl-aħħar hemm għandek ukoll il-possibbilta` tajba li tillowdja minn naħa għal oħra għal iddaħħal il-phonecasts f'mezzi ta' komunikazzjoni oħra bħal Facebook, Twitter jew kull blogg li jista' jkollok. Din hi utli ħafna għal għalliema tal-lingwa għax tħallik toħloq f'format li trid il-materjal multimidja tiegħek fuq il-web. Pereżempju, Gordon beda jdaħħal kemm awdjo (Ipadio) u kemm vidjo (YouTube) fil-blogg tal-proġett Island Voices: http://guthan.wordpress.com.

## Webcam/Vodcast

Podcast tal-Vidjo (imqassra vidcast jew vodcast) hu terminu wżat għat-tixrid ta' klipps ta' vidjos mitluba onlajn bl-għajnuna ta' Atom jew RSS. It-terminu hu evoluzzjoni speċjalizzata għall-vidjo. Hu mnissel mill-podcast ġeneralment ibbażata fuq awdjo u tirreferi għat-tixrid ta' vidjo fejn l-RSS hu wżat bħala stazzjon tat-televixin li konsumaturi jistgħu jabbonaw għalih billi jużaw Kompjuter Personali, Televixin, ċentru tal-midja jew apparat mobbli tal-multimidja.
Ara:

- http://windows.microsoft.com/en-us/windows-live/movie-maker - fsoftwer b'xejn biex teditja films u li jħallik tirrikordja dirett mill-webcam
- https://www.apple.com/quicktime/download/ - softwer tal-Mac b'xejn li jħallik tirrikordja dirett mill-webcam

Minn server tal-web, podcast tal-vidjo jista' jitqassam bħala fajl jew strimjat. Iż-żewġ metodi għandhom il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom. Meta tniżżel podcast tal-vidjo sħiħ bil-quddiem jippermettilek li tara l-vidjo offlajn fuq, ngħidu aħna, fuq apparat tal-midja li jista' jinġarr. L-istriming jippermettilek tfittex u tagħżel (billi taqbeż partijiet mill-fajl) bla ma tniżżel il-podcast tal-vidjo kollu, statistika aħjar u inqas spejjeż għas-servers; madankollu jista' jkun hemm waqfien waqt li tkun tara l-vidjo minħabba dewmien waqt it-trasferiment.

- http://www.youtube.com – jippermettilek tistrimja vodcasts onlajn
- http://www.dropbox.com – mod kif tista' tissejvja online u tniżżel li jibgħatlek ħaddieħor

## Taħriġ Interattiv

Taħriġ interattiv hu mezz tajjeb ħafna kif l-istudenti jipprattikaw mingħajr il-preżenza tal-għalliem. L-għalliema jistgħu jfasslu għadd ta' taħriġ li jkun relatat direttament mat-tagħlim tagħhom, u jikkonvertu dawn f'format html, li jkun jista' jiġi aċċessjat minn ħażna bħal ma hi Dropbox.

### Taħriġ Grammatikali

Hemm biss ftit programmi tal-grammatika għal-lingwi inqas mgħallma u spiss jittrassferixxu t-taħriġ kif ikun fil-kotba għall-kompjuter, bl-istess riżultati fjakki. Imma bħalissa sit elettroniku grammatikali ta' min jirrakkomandah hu VISL: http://visl.sdu.dk. VISL tfisser Visual Interactive Syntax Learning u hu proġett ta' riċerka u żvilupp fl-Istitut tal-Lingwa u Komunikazzjoni, Universita` tan-Nofsinhar tad-Danimarka – Odense Campus. L-istaff u l-istudenti f'dan l-istitut ilhom ifasslu u jimplementaw għodod grammatikali għall-edukazzjoni u r-riċerka bbażati fuq l-internet minn Settembru tal-1996.

Għall-ewwel erba' lingwi biss kienu involuti: l-Ingliż, il-Franċiż, il-Germaniż u l-Portugiż. Ħafna lingwi oħra llum ngħaqdu mall-proġett – bħalma jidher min-numru dejjem jikber taż-żidiet fil-lista tal-lingwi.

Dawn 'l-għodod' jinsabu fuq VISL:

- Analiżi Grammaatikali (sentenzi analizzati minn qabel u analizzazzjoni tal-funzjoni grammatikali b'mod awtomatiku)
- Logħob u Kwizis (ittestjar ta' klassi ta' kelma u topiks grammatikali oħra)
- Tiftix tal-Korp (aċċess għall-BNC (British National Corpus) u korp ta' lingwi oħra)
- Traduzzjoni automatika

### Imla fejn Meħtieġ (Cloze)

F'dan it-tip ta' taħriġ l-istudent irid jimla kliem nieqes minn silta biex jgħaqqadha.
Ara:

- Hot Potatoes – JCloze (Ara l-Appendiċi)
- The Language Menu (Ara l-Appendiċi)

## Tislibiet
It-tislibiet huma mfittxija ħafna mill-istudenti u, meta mibnija fuq il-vokabularju li l-istudenti jkunu għadhom kemm ħadmu fuqu, jistgħu ikunu għodda tajba bħal taħriġ wara l-lezzjoni.

Ara:
- Hot Potatoes – JCross (Ara l-Appendiċi)
- The Language Menu (Ara l-Appendiċi)

## Sib l-aħjar sekwenza (jew sentenzi mħallta)
F'dan it-taħriġ sentenza jew storja tinqasam f'biċċiet imħallta biex l-istudenti jerġa' jibni mill-ġdid is-sentenza jew l-istorja.

Ara:
- Hot Potatoes - JMix(Ara l-Appendiċi)
- The Language Menu (Ara l-Appendiċi)

## Tqabbil ta' kliem, sentenzi jew stampi
Din l-attivita` tista' tkun utli għal għadd ta' affarijiet anki għal taħriġ tal-vokabularju fejn student jgħaqqad kliem ma' stampi relatati. JMatch jista' joħloq flexxkards għall-prattika tal-vokabularju.

Ara:
- Hot Potatoes - JMatch (Ara l-Appendiċi)
- The Language Menu (Ara l-Appendiċi)

## Għażla Multipla
Dan it-tip ta' taħriġ jiswa ħafna biex tiċċekkja malajr x'fehem student minn informazzjoni li sema', qara, ra u l-bqija.

Ara:
- Hot Potatoes - JQuiz (Ara l-Appendiċi)
- The Language Menu (Ara l-Appendiċi)

## Tiftix il-Kelma
Attivitajiet ta' tiftix il-kliem jinżlu tajjeb mal-istudent u jistgħu jiswew biex jikkonsolidaw dak li jkun sar.

Ara: The Language Menu (Ara l-Appendiċi)

## Logħob fuq Bord
Dan jista' jsir bejn tnejn jew fi gruppi żgħar. Logħob fuq bord jista' jitfassal dwar kull kuntest u addattat għal kull aspett lingwistku.

Ara: The Language Menu (Ara l-Appendiċi)

**Kliem maqsum**
Għodda tajba biex tgħallem jew issaħħaħ il-prefissi u s-suffissi.

Ara: The Language Menu (Ara l-Appendiċi)

**Mindomo**
Mindomo http://www.mindomo.com/ hu għodda ta' mind-mapping b'xejn li dawk li jużaha jistgħu joħolqu, jaraw u jaqsmu ma' ħaddieħor mind-maps dettaljati fil-web-browsers tagħhom. Il-mind-maps jistgħu jintużaw għal brainstorming, ippjanar u ħwejjeġ oħra. Minħabba l-aspett viżwali tagħhom, il-mind-maps huma għodda essenzjali għal dawk li jaħdmu aħjar bl-għajnuna tal-viżwal.

Aspett interessanti ta' Mindomo hu li jistgħu jinkorporaw multimidja. Pereżempju, f'mind-map dwar annimali, l-għalliem jista' jgħaqqad vidjo dwar iljuni jew iżid xi biċċa awdjo jew anki test ma' xi topik jew sottotopik. Tista' wkoll turi relazzjonijiet bejn suttotopik u ieħor.

**Clilstore**
Clilstore hu mod faċli kif fuq il-web tista' tagħmel paġna b'vidjo, grafika u test fejn il-kliem kollu hu llinkjat ma' dizzjunarji onlajn.

*"Clilstore uses Wordlink, a WWW based facility which links arbitrary webpages automatically, word by word with online dictionaries. And Wordlink (see P22) in turn uses Multidict (see P22), a multiple dictionary look-up facility which makes use of freely available online dictionaries. Both Wordlink and Multidict were developed as part of the European funded POOLS-T project (2008-2010) and their development is continuing as part of the present TOOLS project."* [iii]

Is-softwere hu b'xejn u mingħajr żamma tad-drittijiet (CopyLeft) u fuq il-websajt tista' ssegwi l-istruzzjonijiet pass pass minn fuq vidjo kif tagħmel paġna tal-web u ttellagħha onlajn billi tuża Dropbox li tagħtik żewġ gigabits ta' spazju fuq il-web, biżżejjed għal mijiet ta' junits ta' CALL maħluqa fil-Clilstore.

Clilstore jista' jillinkja għal aktar taħriġ (bħal Hot Potatoes – ara isfel) li jista' jinħażen onlajn.

Clilstore jinsab – www.multidict.net/clilstore

## Komunikazzjoni bl-Għajnuna tal-Kompjuter

**Bloggs (weB Logs)**

It-terminu **blogg** imnissel minn **weblog** u jirreferi għal websajt li tkun aġġornata regolarment b'kummenti ġodda li jkun imqegħdin f'ordni chronologiku bil-maqlub b'mod li l-aħħar kumment ikun dejjem fuq nett tal-blogg. Dawk li jużaw il-blogg isejħulhom **blogers**, u meta tikteb kumment fuq il-blogg tkun qiegħed **tibbloggja**.

Il-bloggs għandhom għadd ta' karatteristiċi tipiċi li jagħmlu l-pubblikazzjoni onlajn tassew effettiva u versatili. Jistgħu jinħalqu fi ftit passi billi timxi mal-istruzzjonijiet ta' min jipprovdihom u inti tista' tiddeċiedi jekk ikunx hemm kittieb wieħed jew aktar, bħal ngħidu aħna fi blogg bejn klassi.

Kull kumment jew aġġornament għandu titlu u ħin biex il-qarrej jieħu idea dwar xiex ikun il-blogg u meta ġie ppustjat. Dan kollu jiġi arkivjat awtomatikament. Tista' ssib jew tirkupra xi kumment billi tfittxu jew billi tqalleb fl-arkivji. Faċli tippubblika għaliex il-bloggs jipprovdu galbu li ma jeħtieġx ħila kbira biex juntuża. Billi tagħfas fuq il-kelma 'Kumment' taħt il-post fejn se jsir il-kumment, il-qarrej jista' jittajpja l-opinjoni tiegħu dwar kumment f'galbu ieħor.

Għalkemm l-aqwa aspett ta' blogg hu l-paġna ta' quddiem tiegħu, il-blogg jista' wkoll ikollu paġni għalih li jistgħu jifetħu minn sidebar jew buttuna fuq. Din tagħmilha utli għal għalliem li jixtieq iżid aktar informazzjoni għall-klassi, bħal taħriġ barrani, ritratt tal-klassi, l-aħjar idea u l-bqija.

Il-bloggs mhumiex biss għal fajls b'kontenut testwali. Jistgħu jkollhom tista' tgħid kull tip ta' data bħal hyperlinks, grafika, preżentazzjonijiet, spreadsheets u fajls tal-awdjo jew vidjo – li jagħmluhom interesanti speċjalment għal għalliema tal-lingwi għax jipprovdu multimidja.

Jekk ikollhom għażla ta' RSS, il-qarrejja jistgħu jabbonaw fi blogg u b'hekk ikunu mgħarrfa awtomatikament meta jsir xi tibdil.

Dawn il-karatteristiċi juru kemm huma utli bloggs f'ambjent ta' tagħlim ta' lingwa għax iservu biex jiżviluppaw il-ħiliet tal-qari, il-kitba u l-komunikazzjoni.

Bħala għalliem tal-lingwi għandek mnejn titħajjar tibda blogg tal-klassi li bih tista':

- Tipprovdi siltiet għall-qari onlajn għall-istudenti tiegħek
- Tipprovdi materjal addizzjonali bħal klips ta' awdjo jew vidjo, stampi, tabelli u l-bqija
- Torganizza r-riżorsi tal-internet għall-klassi billi tipprovdi ħoloq utli
- Tagħti istruzzjonijiet, taħriġ
- Iġġiegħel l-istudenti jipprattikaw jiktbu (għal udjenza)
- Tgħaddi l-kummenti tiegħek
- Toħloq diskussjoni qalb l-istudenti

- Tinkoraġġixxi evalwazzjoni ta' student għal ieħor u sapport għal xulsin
- Tagħmel xogħol fuq proġetti u ġġiegħel l-istudenti jirreġistraw il-progress tagħhom
- Tesperimenta biex issib anki aktar użu ta' dawn il-bloggs...

Ara:

- www.wordpress.com
- www.blogger.com
- www.blog.de

**e-Tandem (Tagħlim minn xulxin onlajn)**

L-aqwa mod kif titgħallem lingwa barranija hu bil-komunikazzjoni ma' bniedem li twieled f'dik il-lingwa u li jixtieq jitgħallem il-lingwa tiegħek. Hi sitwazzjoni fejn tagħti u tieħu, fejn inti tkun l-għalliem (tal-lingwa tiegħek) fl-istess waqt li tkun student (tal-lingwa barranija).

e-Tandem jew tagħlim minn xulxin onlajn bl-għajnuna tal-kompjuter hu differenti minn tagħlim wiċċ imb wiċċ minħabba li fih ammont ikbar ta' opportunitajiet komunikattivi. Mill-banda l-oħra, tandems wiċċ imb wiċċ jistgħu jkunu diffiċli biex torganizzahom u għaljin.

Ara:

- http://www.languages.dk/methods/tandem.html
  - aqra aktar dwar tagħlim minn xulxin onlajn u ara vidjos dwar dan
- http://www.slf.ruhr-uni-bochum.de/ - The European Tandem Network
- http://www.babbel.com/go/friendsabroad - Netwerk vast tat-Tandem

**Taħdit Onlajn**

Chat rooms jew taħdit onlajn jista' jkun esperjenza utli għal min ikun jitgħallem lingwa. F'taħdit onlajn dawk li jkunu jitgħallmu jiltaqgħu u jitħaddtu ma' oħrajn bħalhom bil-kitba. Chat rooms jistgħu jinħalqu  minn min ikun jitgħallem, imma aktarx ikun diffiċli biex wieħed isib ma' min jitħaddet.

Siti ta' netwerk soċjali simili għal Facebook iħaddnu sistema ta' chat room fihom infushom, imma xi wħud li jużawhom ma jkununx jixtiequ jagħtu dettalji dwar kif jistgħu ikunu kkuntattjati.  Taħdita onlajn separata tista' tinbeda billi tuża *chat client* jew *embedded chat widget*. Pereżempju, mIRC  http://www.mirc.com/ iħallik toħloq ambjenti ta' taħdit filwaqt li tibqa' anonimu għal ħaddieħor. Mat-twaqqif ta' dan tagħżel username. Kull membru taċ-chat room ikun jista' jara biss dan l-isem magħżul għal maqlub tad-dettalji ta' min ikun jużah.

Il-problemi ewlenin ta' dan it-taħdit hu n-nuqqas ta' kontenut u d-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom biex  jorganizza taħdit bl-użu tal-lingwi inqas mgħallma. Mill-banda l-oħra, meta marbuta ma' taħriġ u gruppi adattati (skont l-eta`, interessi, etc) it-taħdit jista' jwassal għal komunikazzjoni vera u, meta jkun sostnut b'taħriġ fl-aħħar, tagħlim tal-lingwa.

Pereżempju, taħdita tajba dwar taħriġ marbut ma' attivita' tibni l-attivita' billi tħalli lok fejn tiżdied l-informazzjoni minn dawk li jkunu jitgħallmu, u li għalhekk ikunu jridu jużaw komunikazzjoni vera biex iwasslu l-informazzjoni ħalli jtemmu t-taħriġ.

Ara:

- mIRC http://www.mirc.com/ – servizz li jħallik tingħaqad ma' chat rooms eżistenti jew twaqqaf iċ-chat room tiegħek stess.
- chatWING chatwing.com – embeddable chat room li tista' tiżdied ma' blogg jew websajt
- Google Talk




## Taħdit wieħed ma' ieħor

**Skype**

L-aktar programm populari għal taħdit onlajn hu l-iSkype Skype www.skype.com.
Skype jħallik tikkomunika bil-vidjo u telekomunikazzjoniet oħra.

Skype jista' jiġi installat fuq apparat tal-mowbajl li jkollu aċċess għall-internet.

OX'tista' tagħmel aktar:
- taqsam fajls ma' ħaddieħor
- SMS lil mowbajl oħra
- lista ta' indirizzi strutturata ċar

**MSN Messenger**

Pjattaforma oħra hu Microsoft Messenger. Biex tkun taf aktar, mur http://get.live.com/messenger/overview




Microsoft Messenger jinkludi għadd ta' kwalitatjiet utli bħal:
- sejħiet bejn kompjuter u ieħor
- konverżazzjoni bil-vidjo
- qsim ta' fowlders
- lista tal-indirizzi

### FaceTime

FaceTime hija applikazzjoni popolari ta' iPad/SmartphoneVideo-chat. Din hi simili għal Skype.

### Babbel

Friends Abroad minn Babbel.com hu servizz biex jgħin lil dawk li jkunu jitgħallmu lingwa jsibu oħrajn bħalhom ma' min jitkellmu bil - http://www.babbel.com/go/friendsabroad
Iktar minn 17-il miljun ruġ minn iktar minn 190 pajjiż qegħdin jitgħallmu lingwa bil-Babbel (sal-2014).[iv]

### WhatsApp

Għal dawk li jużaw mowbajl jew tablet, WhatsApp hi għodda ta' komunikazzjoni popolari. B'madwar 190 miljun ruħ jużawha kull xahar fl-2014, din l-applikazzjoni qiegħda ssir malajr l-aktar forma ta' CMC (Computer-mediated comunication) li hawn. Barra messaġġi bil-kitba, dak li jkun jista' jibgħat stampi, vidjos, awdjo u l-bqija, kif ukoll il-lokazzjoni tagħhom billi jużaw l-għajnuna ta' mapep integrati.

Ta' min isemmi li hemm ħlas annwali biex tuża WhatsApp. L-ewwel sena hi b'xejn kompletament, imma jekk tixtieq tkompli l-ispejjeż ikunu madwar $0.99 USD fis-sena (sas-sena 2014). Għal aktar informazzjoni ara:
http://www.whatsapp.com/

### Websajts ta' Netwerk Soċjali

Netwerk soċjali jara li jibni u jiżviluppa relazzjonijiet soċjali bejn in-nies li jaqsmu bejniethom interessi u/jew attivitajiet. Servizz ta' netwerk soċjali jikkonsisti essenzjalment rappreżentazzjoni ta' dak li jużah (aktarx profil), il-ħoloq soċjali tiegħu jew tagħha, u varjeta` ta' servizzi addizzjonali. Ħafna mis-servizz ta' netwerk soċjali huma marbuta ma' websajt u jipprovdu mezzi biex dak li jkun jikkomunika bl-internet, bħal bl-imejl u l-messaġġi. Għalkemm servizzi tal-komunita` onlajn huma sikwit meqjusa bħala servizzi ta' netwerk soċjali f'sens wiesa', servizz ta' netwerk soċjali ġeneralment ifisser servizz marbut ma' individwu filwaqt li servizzi tal-komunita` onlajn hu marbuta ma' grupp. Siti ta' netwerk soċjali jħallu lil dawk li jużawhom biex juru ideat, attivitajiet, ġrajjiet u interessi fi ħdan in-netwerks individwali tagħhom.

Uħud mill-ikbar netwerks soċjali twaqqfu bil-ħsieb li jagħmlu l-konnessjonijiet tad-dinja reali b'mod diġitali. Ħafna netwerks oħrajn jiffokaw fuq kategoriji, li jvarjaw minn kotba u mużika għal negozju bla qligħ sa trobbija, bħala mezzi biex jagħtu servizzi u komunita` lil individwi b'interessi komuni.

L-ikbar netwerks soċjali għadhom il-karatteristiċi tagħhom li jiddistingwuhom minn oħrajn, bħal:

### Facebook

Wieħed jista' jgħid li għall-2014 Facebook  www.facebook.com hu l-aktar netwerk soċjali wżat f'xahar madwar id-dinja. Minn Settembru 2006 kull min għandu minn tlettax-il sena

'l fuq u kellu indirizz elettroniku validu seta' jibda juża l-Facebook. Min jużah seta' jżid il-ħbieb u jibagħtilhom messaġġi, u jaġġornaw il-profili tagħhom biex javżaw lil ħbiebhom dwarhom infushom. Barra dan, dawk li jużawh jistgħu jingħaqdu ma' netwerks organizzati mill-post tax-xogħol, skola jew kulleġġ. L-isem ta' Facebook tnissel minn l-isem kollokwiju  ta' direttorju li jingħata lill-istudenti fil-bidu tas-sena akkademika f'universitajiet Amerikani, li jkun fih ritratti u ismijiet ta' individwi biex jgħinhom isiru jafu lil xulsin.

Facebook hu għodda ta' komunikazzjoni iffukat fuq livell personali li jista' jintuża bħala għodda ta' komunikazzjoni professjonali. Dawk li jużawh jistgħu jitkellmu ma' individwi jew jiffurmaw diskussjonijiet fi grupp kbir.

## LinkedIn

LinkedIn hu sit ta' netwerk soċjali mixħut fuq in-negozju: www.linkedin.com użat l-aktar għal netwerking professjonali. Mit-8 ta'April 2010, LinkedIn kellu reġistrat aktar minn 65 miljun membru f'aktar minn 200 pajjiż u teritorju madwar id-dinja. Is-sit issibu bl-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan, il-Portugiż u l-Ispanjol.

## Twitter

Twitter www.twitter.com hu netwerk soċjali u servizz ta' blogging fiċ-ċokon li jħallik tibgħat u taqra messaġġi magħrufa bħala tweets.  Tweets huma pubblikazzjonijiet qosra bil-kitba sa 140 tipa murija fuq il-paġna tal-profil tal-kittieb u mqassma lis-sottoskritti tiegħu, msejħa segwaċi. Il-messaġġi jistgħu jintbagħtu biss liċ-ċirku ta' ħbieb jew, awtomatikament, iħallu aċċess miftuħ. Minn tard l-2009, wieħed seta' jsegwi lista ta' kittieba flok isegwi kittieba individwali. Kull abbonat jista' jibgħat u jirċievi tweets mill-websajt ta' Twitter, SMS, jew applikazzjonijiet esterni (inklużi speċjalment dawk żviluppati għal smartphones). Filwaqt li s-servizz ma jiswa xejn biex tużah, jekk taċċessah b'SMS jista' jkollok tħallas tat-telefonati  lil min jipprovdilek is-servizz tat-telefon. Bħalissa l-websajt jużawha aktar minn 100 miljun mid-dinja kollha.

## Pinterest

Pinterset hu għodda viżiva li wieħed juża biex jiġbor ideat għal proġetti u interessi. Dawk li jużawha jistgħu jibnu l-listi tagħhom u jqassmuhom lil oħrajn fi ħdan Pinterest jew esternament minn siti ta' netwerk soċjali oħrajn.

Wieħed jiġbor u jqassam bords (isejħulhom 'Pins') lil sħabu. Il-bords jistgħu jkollhom midja differenti – vidjo, stampi u l-bqija – u jappellaw ħafna għal min iħobb il-viżwal. Mill-2011, Pinterest kien it-tielet l-ikbar sit ta' netwerk soċjali fl-Amerka.

Għal aktar informazzjoni ara:
https://www.pinterest.com/

## Lino

Lino hi corkboard interattiva li tista' tintuża ma' oħrajn jew individwalment. Wieħed jista' jqassam midja billi jehmiżha man-notice board bħal ma jagħmlu n-nies fil-kċina d-dar

meta jwaħħlu nota b'pin. Lino hi għodda tajba ħafna u faċli biex tużaha li tista' tiddaħħal fi blogg/websajt/wiki.
Ara: en.linoit.com

## Ħażna Cloud

Il-premessa wara ħażna Cloud hija sempliċi biżżejjed - ikollok aċċess għall-fajls tiegħek minn kwalunkwe kompjuter konness mal-internet. Il-ħtieġa għal ħażna sħaba żdiedet grazzi għaż-żieda f'daqqa fit-telefowns ċellulari Android / IOS u tablets. Tablets huma mezzi utli tal-għaġeb, iżda huma spiss nieqsa fil-kapaċità ta' ħażna.

Dak li ta imbuttatura lil Cloud kien sempliċement dan – il-ħażna. Iżda maż-żmien xi fornituri  inkorporataw karatteristiċi oħra sabiex tgħinhom jispikkaw minn xulxin.

### Dropbox

Dropbox għall-ewwel toffrilek pakkett ta' 2GB b'għażla li tħallas biex tkabbar l-ammont jew żżid sa 16GB billi tistieden oħrajn biex jabbonaw.

Li jimpressjonak fi Dropbox hi li tista' tqassam il-fajls lil oħrajn b'mod faċli u malajr ħafna. Hemm għażla kif għandek taċċessa l-fowlders – jistgħu jitqassmu b'mod pubbliku jew privat. Għal dawk li huma inklinati teknoloġikament, Dropbox tista' tintuża bħala spażju fejn twaqqaf websajt.

Ara: www.dropbox.com

### Google Drive

Google joffri 15GB ta' ħażna għal dawk li jużawh. Tista' żżid l-ammont imma bi ħlas.

Google Drive mhux biss hu ħażna cloud. Hemm sett sħiħ ta' programmi għall dawk li jużaw Google Drive. B'dan il-mod, immaterjali x'juża l-kompjuter tiegħek, dejjem se jkollok aċċess għall-fajls tiegħek u tkun tista' teditjahom.

Il-programmi provduti huma: Document (Word Processing), Spreadsheet, Presentation, Form (Database) and Drawing.

Karatteristika tassew utli ta' Goodle Drive hi li tnejn jew aktar jistgħu jkunu jeditjaw dokument fl-istess ħin u ż-żewġ tibdiliet jiġu ssejvjati mingħajr ma jħassru lil xulxin.

Ara: https://drive.google.com

THemm għadd mhux ħażin ta' alternattivi għal ħażna cloud. Għal dawk li jużaw Mac hemm iCloud, għal dawk li jużaw Windows 8 hemm oneDrive. Madanakollu, f'dil-ġirja għall-ħażna Cloud, Dropbox u Google Drive bħalissa huma l-aktar popolari.

## Riferenzi Onlajn

### Karta Fonemika Interattiva (Ingliż)

Jista' jkun li l-aktar parti ikkomplikata fit-tagħlim tal-lingwa hi l-pronunzja. Aktarx hi l-inqas parti mgħallma fil-klassi. Għal ħafna għalliema hi xi ħaġa kumplessa, u għal għalliema barranin għal-lingwa ikollhom problema jekk huma stess ma jkunux jistgħu jirrelataw mal-istruttura fonemika tal-lingwa.

Mid-daqqa kif inhi bħalissa fl-Ewropa għal Tagħlim Integrat tal-Kontenut u l-Lingwa, il-pronunzja ta' lingwa barranija hi ta' ħtieġa f'eta` żgħira.

Il-Pronunzja hi xi ħaġa li trid feedback il-ħin kollu, u fil-fatt ma jistax jgħallimhielek kompjuter. Madakollu, jistgħu jgħinuk karti interattivi u taħriġ ta' listi ġenerali.

Il-ħolqa hawn taħt hi karta fonemika interattiva tal-Ingliż imfassla mill-British Council:
https://www.teachingenglish.org.uk/article/phonemic-chart

### Wordlink

http://multidict.net/wordlink/
"Wordlink hi faċilita` bbażata fuq il-web u din tgħaqqad paġni tal-web arbitrarji awtomatikament kelma b'kelma ma' dizzjunarji onlajn. Ġiet żviluppata minn Caoimhon Ó Donnaile f'Sabhal Mòr Ostaig bħal parti mill-proġett POOLS-T (2008-2010) iffinanzjat mill-Ewropa, u l-iżvilupp qiegħed jitkompla bħala parti mill-proġett TOOLS (2012-2014) iffinanzjat mill-Ewropa"[v] Wordlink hi għodda versatili li tħalli lil min jużaha jagħżel pagna tal-web u jkollu kull kelma kkonnettjata ma' dizzjunarju onlajn f'għadd ta' lingwi differenti. Hi tipproċessa l-paġna tal-web mill-websajt Multidict (Ara Online Dictionaries).

*Biex iżżid ħolqa ma' paġna tal-web partikolari, kull ma trid tagħmel hu li żżid l-indirizz tal-web (mingħajr www) ma' dan il-url*:
http://multidict.net/wordlink/?navsize=1&sl=en&url= …

ie To add cnn.com:
http://multidict.net/wordlink/?navsize=1&sl=en&url=cnn.com

Min juża din jista' jikkrea t-test tiegħu li jgħaddi mill-Multidict.

### Dizzjunarji Onlajn

**Multidict** - http://multidict.net/multidict/
*"Multidict iħallik tagħżel malajr minn għażla ta' dizzjunarji onlajn. Hemm mibni fih database kbira ta' dizzjunarji b'informazzjoni fuq il-lingwi li jħaddnu u l-parametri li jirrikjedu. Multidict jipprova jiftakar l-għażliet ta' dizzjunarji preċedenti ta' dak li jkun biex iħaffef selezzjonijiet sussegwenti. Multidict jinkludi wkoll faċilita` li jillinkja ma' dizzjunarji f'format ta' stampa ta' paġna fil-Web Archive, Google Books, etc minn indiċi tal-ewwel kelma ta' kull paġna."* [vi]

Multidict hu bla dubju l-aktar dizzjunarju utli fuq l-internet. Fih il-lingwi l-kbar kollha tad-dinja u xi wħud strambi wkoll.

**Visuwords**
http://www.visuwords.com/
Visuwords hu dizzjunarju u teżawru mfassal għal min jitgħallem aħjar viżwalment. Malli ddaħħal kelma tinħalaq animazzjoni li tagħtik definizzjonijiet u familji ta' kliem.

## RSS (Rich Site Summary)

RSS (sikwit isejħulha 'Really Simple Syndication') hi familja ta' web feed formats użati biex jippubblikaw kontenut diġitali li sikwit ikun aġġornat, bħal bloggs, aħbarijiet jew podcasts.
Dawk li jużaw kontenut RSS jużaw programmi li jgħidulhom 'feed readers' jew 'aggregators': dawk li jkunu jabbonaw għal feed billi jagħtu lill-qarrej tagħhom ħolqa għall-feed. Il-qarrej jista' mbagħad jiċċekkja l-feeds li abbonaw għalihom dawk li jkunu biex jara jekk żdiedx xi wieħed minn dawk il-feeds mill-aħħar darba li kien iċċekkjat, u jekk ikun hekk, jakkwista dak il-kontenut u jippreżentah lil dawk li jkunu.

Kontenut ġdid jiżdied awtomatikament. Dan jgħin biex dak li jkun ma joqgħodx ifittex diversi siti biex jara hemm kontenut aġġornat. Il-kontenut jasal direttament għand min ikun jużah.

Programmi marbuta ma' RSS insibuhom għal diversi sistemi operattivi. Readers u aggregators għall-klijent huma tipikament mibnija bħala programmi għalihom jew estensjonijiet għal programmi eżistenti bħal web browsers u qarrejja tal-imeljs. Ħafna browsers għandhom sapport integrat għall-RSS feeds. Hemm wkoll applikazzjonijiet oħra li jistgħu jikkonvertu RSS feed f'paġna li tista' tidher bl-għajnuna ta' softwer li jaqra l-aħbarijiet, bħal Mozilla Thunderbird u Forté Agent. Din il-paġna sikwit jirreferu għaliha bħala usenet article.

Feed readers u aggregators tal-aħbarijiet ibbażati fuq il-web bħal ma huma Feedly http://feedly.com/ jew Digg Reader www.digg.com m'għandhomx bżonn ta' installazzjoni ta' softwer u jħallu l-feeds ta' dak li jkun disponibbli fuq kull kompjuter li għandu aċċess għall-Web. Xi aggregators jikkombinaw web feeds eżistenti f'oħrajn ġodda, pereżempju jiġbru kull ħaġa relatata mal-futbol minn diversi feeds ta' sports u jipprovdu feed tal-futbol ġdida.

Fuq paġni tal-web, web feeds (RSS jew Atom) huma tipikament illinkjati mal-kelma 'abbona' (subscribe), rettangolu oranġjo, jew bl-ittri RSS. Ħafna aggregators tal-aħbarijiet , bħal 'My Yahoo!', jippubblikaw buttuni ta' abbonament biex jintużaw fuq paġni tal-web biex jissimplifikaw il-proċess għaż-żieda ta' feeds tal-aħbarijiet.

Ara:

- Feed Reader - http://www.feedreader.com - RSS feed reader onlajn
- Blog Lines - www.bloglines.com – RSS feed reader onlajn

- Thunderbird - http://www.mozilla.org/en-US/thunderbird/ - Email client and RSS reader
- Netvibes - www.netvibes.com – Online dashboard and RSS reader

## Tagħlim ta' Lingwi Barranin lil Studenti b'Nuqqas ta' Smigħ

### Tagħlim dwar studenti torox jew b'nuqqas ta' smigħ

SIGNALL hu proġett transnazzjonali ta' taħriġ u kompetenza tal-lingwa li jitħabat biex ikattar kuxjenza dwar il-kultura ta' nuqqas ta' smigħ u lingwi tas-sinjali fost organizzazzjonijiet, min iħaddem, impjegati u nies li jisimgħu. Għandu l-għan li joħloq bidla fl-attitudni u l-impenn tal-organizzazzjonijiet, dawk li jħaddmu, stabilimenti edukattivi, awtoritajiet pubbliċi u s-soċjeta` kollha għal kif dawk b'nuqqas ta' smigħ huma meqjusa u ttrattati.

Il-pajjiżi li qegħdin jipparteċipaw huma r-Repubblika Ċeka, il-Fillandja, l-Irlanda, Spanja u r-Renju Unit.

Il-pakkett biex iqajjem kuxjenza ta' SIGNALL għandu l-għan li jipprovdi mekkaniżmu li se jġib bidla fil-mod kif is-soċjeta` b'mod ġenerali ġġib ruħha ma dawk b'nuqqas ta' smigħ – mhux billi tkun tolleranti bħalma kien fil-passat imma b'integrazzjoni fis-soċjeta`, aċċess u fehim tal-ħtiġijiet.

Il-prodotti jinkludu ktieb, dokumentarju fuq DVD, CD-ROM u websajt.

Għal aktar informazzjoni, ara www.signallproject.com

### Għajnuna biex tgħallem studenti neqsin mis-smigħ permezz ta' materjal awdjo-viżiv

- Ħu vantaġġ minn varjeta` ta' mezzi ta' għajnuna għas-smigħ (eż.: amplifikaturi) biex tara televixin barrani jew films b'lingwi barranin.
- Uża aktar attivitajiet ta' qari/kitba bħalma huma vidjos transkritti jew softwer għat-tagħlim tal-lingwa bl-għajnuna tal-kompjuter.
- Meta jkun possibbli, uża klipps tal-vidjos jew films li jkollhom sottotitli fil-lingwa barranija

### Sottotitli edukattivi għal tfal torox

Bħala regola s-sottotitli għandhom ikunu ċaru u li jinftiehmu mingħajr ma jtellfu mill-awdjo/vidjo għax l-attenzjoni tkun marret biss fuq il-kliem. Biex tiżgura li s-sottotitli huma ċari, ta' min jirikkmanda li tintuża tipa Serif. Għal aktar informazzjoni dwar tipi Serif, ara l-paġna tal-Wikipedia: http://en.wikipedia.org/wiki/Serif

### Sottotitli edukattivi għal tfal torox

- Damper, R. I., Baker, R. G., Lambourne, A. D., Downton, A. C., King, R. W. and Newell, A. F. (1984) Educational subtitling for deaf children. Mir-rapport ta' dak li ħareġ mit-Tieni  Konferenza Internazzjonali dwar Inġinerija tar-Riabilitazzjoni, pp. 304-305.

- Tagħlim tal-Ingliż lil studenti torox fiċ-Ċina.
  http://www.eslcafe.com/forums/teacher/viewtopic.php?t=1056

- Ħolqa Ingliża ta' lista ta' forums u istituzzjonijiet ta' riċerka li jaqdu l-ħtieġijiet ta' nies torox
  http://www.deafblind.com/deafness.html

## Tagħlim tal-Lingwa bl-Għajnuna tal-Kompjuter fi ħdan il-qafas ta' Tagħlim Ibbażat fuq Biċċa Xogħol

### Għalxiex it-Tagħlim Ibbażat fuq Biċċa Xogħol?

Il-metodoloġija tat-tagħlim ibbażat fuq biċċa xogħol għandha ħafna min japprovaha minħabba li tiffoka fuq min ikun jitgħallem u għalhekk hi differenti mill-mudell ta' Ippreżenta, Ipprattika u Ipproduċi.

B'dan il-mudell l-għan hu li tippreżenta forma/struttura, tinkoraġġixxi l-istudenti biex jipprattikaw dak li jkun ġie ppreżentat  u fl-aħħar jipproduċu numru ta' sentenzi billi jużaw il-forma prattikata. B'dan il-mod l-għalliem għandu kontroll sħiħ ta' dak li l-istudenti jaħdmu fuqu, jagħmlu u jgħidu. L-għalliem jaħdem f'qafas fejn it-tweġibiet jistgħu jkunu tajbin jew ħżiena skont ma jkun ġie mgħallem – immaterjali jekk l-istudent ikun kiteb sentenza tajba, l-għan tat-taħriġ hu li tqabbel dak li jkun ġie ppreżentat fl-ewwel Stadju.

Il-mudell Ippreżenta, Ipprattika u Ipproduċi jkollna nammettu li hu restrittiv għat-tagħlim. Sfortumatament, kien l-aktar metodu mifrux kullimkien għat-tagħlim tal-lingwa għal dawn l-aħħar ħamsin sena u għadu s'issa wżat minn ħafna awturi ta' kotba.

It-Tagħlim Ibbażat fuq Biċċa Xogħol hu metodoloġija bbażata fuq tagħlim tal-lingwa bil-produzzjoni ta' biċċa xogħol biex tagħti l-ħajja l-ispontanjeta` u l-individwalita` tal-klassi – f'kelma waħda, titgħallem billi tagħmel. Is-suċċess tal-biċċa xogħol jieħu preċdenza fuq it-tip ta' lingwa wżata, jiġifieri l-funzjoni qabel il-forma. L-għan tal-metodu tat-Tagħlim Ibbażat fuq Biċċa Xogħol hu li kull min ikun qiegħed jitgħallem, billi jaħdem fuq attivita` differenti u primarjament ma' oħrajn bħalu, jgħaddi minn proċess intern ta' tagħlim individwali. L-aqwa biċċa xogħol li għandu l-għalliem hi li jipprovdi l-materjal għat-tagħlim, l-attivitajiet u li jgħin biex tinħalaq atmosfera rilassata fil-klassi.

### Eżempju ta' Pjan ta' Lezzjoni

Fl-eżempju li ġej għandna lezzjoni bbażata fuq biċċa xogħol li fiha jintuża xi softwer tat-TLGħK – Clilstore u Hot Potatoes. L-għan tal-lezzjoni hu li jagħti lill-istudenti vokabularju bbażat fuq lingwa teknika marbut ma' kif tiwwajerja plagg Ingliż. Dan it-taħriġ jinsab onlajn bil-Bask, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, il-Gaelic (Irlandiż), il-Ġermaniż, ir-Rumen u l-Ispanjol fuq http://multidict.net/clilstore/

**Lista ta' materjali:**

a. Plaggs tal-elettriku – l-aħjar li jkollok plaggs Ingliżi għax dawn huma aktar 'ik komplikati', imma plaggs oħrjan jistgħu jintużaw.
b. Wajer tal-elettriku
c. turnaviti
d. Wire cutters
e. Wire strippers (imma tista' tuża wire cutters jekk ma ssibx)

**Pjan tal-lezzjoni**

1. L-istudenti jiġu ppreżentati l-materjali tal-TLGħK, f'dan il-każ applikazzjoni fuq il-web ta' vidjo bit-test, segwit bit-taħriġ: http://multidict.net/wordlink/?nav-size=1&sl=en&url=http://multidict.net/clilstore/page.php?id=245
2. L-istudenti jaħdmu materjal multimidjali li hemm fuq il-web billi jagħmlu dawn l-attivitajiet:




Il-kliem kollu (ħlief possibbilment dawk li huma parti minn ħolqa eżistenti) f'din il-paġna tal-web huma llinkjati ma' Multidict għal selezzjoni ta' dizzjunarji.
Jekk kelma tidher fuq sfond iswed meta tgħaddi minn fuqha, tista' tikklikkja fuqha biex tfittxha fid-dizzjunarju.
Multidict iħallik tqalleb minn dizzjunarju għal ieħor u minn lingwa għal oħra jekk tkun trid.

Ara l-vidjo li jagħtik l-istruzzjonijiet kif tiwwajerja plagg Ingliż.

Aqra t-test waqt li tisma' l-vidjo. Agħfas 'next' meta tlesti.




Qiegħed il-kliem maġenb ir-ritratti rispettivi biex titgħallem il-vokabularju tekniku.



Imla t-tisliba bil-kliem tekniku.




Kompli dan it-taħriġ billi ddaħħal il-kelma nieqsa meħuda mit-test tal-vidjo.



CGħaqqad is-sentenza billi tqiegħed il-kliem f'postu.

3. Meta l-istudenti jkunu spiċċaw ix-xogħol fuq il-kompjuters, skont ma jifilħu, huma jingħataw verżjoni testwali tal-istess istruzzjonijiet. It-testi jistgħu jitniżżlu minn http:// www.languages.dk/methods/materials.html

4. L-istudenti jaħdmu f'pari: Student A jgħid lil Student B kif għandu jiwwajerja plagg Ingliż. Student A jist' jgħin lil Student B fil-lingwa, imma ma jagħmel xejn li Student A ma jgħidlux. It-test jista' jintuża bħala għajnuna supplimentari, imma l-istudenti għandhom jippruvaw jevitaw dan.



5. L-istudenti jibdlu r-rwol tagħhom u jirrepetu l-attivita` t'hawn fuq.

## Appendiċi

### Hot Potatoes – prodott ta' Half-Baked Software

Hot Potatoes hi ġabra ta' 5 programmi (JMix, JCross, JMatch, JQuiz u JCloze) u masher.

Għodda tal-masher kienu popolari fil-bidu tal-elfejnijiet. Kienu mfassla biex jiġbru flimkien għadd ta' programmi differenti u juruhom bħala entita` waħda. Pereżempju, f'Hot Potatoes hemm 5 programmi li jipprodu`u varjeta` ta' taħriġ separat. Il-program masher jippermetti kull wieħed mit-taħriġ jinġabar f'paġna tal-web waħda – biex tkun eħfef biex ittellagħha.

It-taħriġ kollu maħluq f'Hot Potatoes jista' jiġi esportat  f'format html, li jħalli t-taħriġ isir interattiv. It-taħriġ kollu jista' mbagħad jittella' f'ħażna cloud, bħal Dropbox, biex ikun milħuq mill-istudenti minn kullimkien, jew installat fuq kompjuters.

Lezzjonijiet li jispjegaw kif tuża l-Hot Potatoes jinsabu hawn: http://hotpot.uvic.ca/tutorials6.php

### Dehra fuq fuq ta' Hot Potatoes

Biex tidra aħjar il-Hot Potatoes, aħdem il-lezzjonijiet onlajn imsemmija hawn fuq. Meta tagħmel hekk inti tkun fil-fatt taħdem it-taħriġ divers maħluq minn Hot Potatoes u

Quandary (programm ieħor mill-istess żviluppaturi).
Hot Potatoes hu versatili ħafna għal dak li hu sapport tal-lingwa. Is-softwer innifsu jinsab biss fi ftit lingwi, imma il-kontenut tat-taħriġ jista' jkun addattat fi kwalunkwa lingwa – mela kull istruzzjoni u kumment jista' jingħata fil-lingwa konċernata.

Bħala eżempju tar-riżorsi li nsibu f'dawn il-ħoloq hemm "Video on Demand Resources" from the Ashcombe School, ir-Renju Unit:
http://www.ashcombe.surrey.sch.uk/Curriculum/modlang/spanish/index_sp_video.htm

IF'nofs l-2006 dan is-sit offra b'xejn dawn it-totali ta' vidjos: 35 Franċiż, 23 Ġermaniż, 16 Spanjol u 8 Taljani. Kull vidjo hu akkumpanjat b'taħriġ li sar bil-Hot Potatoes. Il-vidjos jittrattaw dwar: Jien innifsi, il-Familja u l-Ħbieb, Mogħdija taż-Żmien/Divertiment, Ħin Ħieles, Flus fil-But, L-Ambjent Lokali, Id-Dar, Id-Dar u l-Ħajja Fiha, Ir-Rutina ta' Kuljum, Edukazzjoni, Suġġetti tal-Iskola, Vjaġġar u Trasport, Vaganzi u Turiżmu, Ikel u Xorb, Xiri u Servizzi, Ħajja b'Saħħitha, Stil ta' Ħajja b'Saħħitha, Xogħol, u Karrieri u Pjanijiet.

Hot Potatoes jipprovdi wkoll għażla biex tesporta t-taħriġ diġitali f'taħriġ għal fuq karta.

N.B. Hot Potatoes hu programm 'freeware', li jfisser li m'għandux sapport mill-iżviluppaturi. Hemm forum onlajn ta' 'esperti' li jużawh, imma m'hemmx garanzija li se jkun provdut sapport.

**Hot Potatoes – JCloze (Jagħmillek silta bi kliem nieqes)**
JCloze hu programm li jħallik toħloq taħriġ bi kliem nieqes. L-aħħar taħriġ jista' jinħadem onlajn, fuq kompjuter offlajn jew anki fuq karta.

**Hot Potatoes – JMatch (Jiġġenera tqabbil ta' Kliem/Stampi)**
JMatch hu programm li bih tista' toħloq taħriġ ta' tqabbil. Dan jista' jsir onlajn jew offlajn, b'possibbilta` li tagħmel flexxkards biex tipprintjahom.

**Hot Potatoes – JQuiz (Joħloq Kwizis)**
JQuiz hu programm li bih tista' toħloq kwizis bi tweġibiet qosra jew b'għaċla multipla. Il-kwizis jistgħu jiġu pprintjati jew isiru fuq il-kompjuter (onlajn jew offline).

**Hot Potatoes – JCross (Jiġġenera Tislibiet)**
JCross joħloq tislibiet li jistgħu jinħadmu onlajn jew offlajn. Tista' wkoll tipprintjahom.

**Hot Potatoes – JMix (Jiġġenera Kliem Imħallat)**
JMix hu programm li jħallat test bl-addoċċ. L-istudent jista' mbagħad jgħaqqad is-sentenza sew. Dan jista' jsir fuq kompjuter jew jiġi pprintjat.

## Il-Menu tal-Lingwa

Sensiela ta' taħriġ oħra tinsab fuq http://www.thelanguagemenu.com. SDiversi għodod li hemm jistgħu jintużaw b'xejn. Għandek ukoll ġimgħa tipprova b'xejn fil-każ li tixtieq

tipprova xi jsarrfu l-faċilitajiet/għodod avvanzati.

### Ġeneratur ta' Logħob fuq Bord

Agħżel minn tliet qisien. Tista' żżid stampi mill-clipart gallery – jew tikteb int stess it-test, il-mistoqsijiet jew taħriġ grammatiku – u tħalli l-istudenti tiegħek jaħdmu fuq il-grammatika u l-vokabularju billi jilagħbu logħba.

Il-ġeneratur tat-Tombla għandu 3 possibbiltajiet: tagħmel il-bords tat-tombla bl-istampi, tħallat stampi u kliem jew kliem biss, u tagħżel il-qies tal-bord tat-tombla skont ma teħtieġ. Il-clipart gallery tipprovdilek mijiet ta' possibbiltajiet għal din l-għodda. Agħżel jew ħawwad. Sempliċiment oħloq, iġġenera fajl pdf u ipprintja. Billi tagħfas 'refresh' tista' tbiddel l-istampi f'sekonda.

### Ġeneratur tat-Tislibiet

Tista' toħloq żewġ tipi ta' tisliba f'tebqa t'għajn. It-tislibiet huma mod ħafif kif tipprattika l-vokabularju. Uża l-vokabularju mill-clipart gallery biex toħloq tislibiet bilingwi f'kategoriji diversi.

### Tiftix il-Kelma

Daħħal il-kliem li tixtieq moħbija, bil-ħjiel jew mingħajru. Din l-għodda toħloq malajr kartataħriġ bit-tweġibiet u li tista' tipprintjaha. Tista' wkoll tużaha mal-clipart gallery multilingwu.

### Imla fejn Meħtieġ

Oħloq il-kartitaħriġ tiegħek jew uża d-database b'mijiet ta' sentenzi mnejn tagħżel.

### Agħmel il-flexxkards tiegħek

Żid sentenza li tixtieq ikollok fuq flexxkard, iġġenera dokument pdf u ipprintja. Għal materjal li tixtieq li jservik aktar biex terġa' tużah, iksi bil-plastik il-karti. Uża din l-għodda biex toħloq temi ta' diskussjoni għall-klassi tiegħek, prattika ta' kliem bilingwu jew karti ta' informazzjoni. Tista' wkoll tagħżel stampa mill-clipart card gallery, iżżid it-test li trid ħdejn l-istampa u tipprintja.

### Semmi l-istampi

Dan jaħdem bl-istampi, bil-ħjiel jew bla ħjiel u/jew bit-tweġibiet. Hu perfett għal użu bilingwu wkoll. Agħżel il-lingwa nattiva u ħalli l-istudenti jiktbu l-vokabularju fil-lingwa mgħallma/l-oħra.

### Ġeneratur ta' taħriġ it-tqabbil

Uża dan biex toħloq il-kartitaħriġ tiegħek bl-istampi, iżżid it-test li trid jew kelma biss għall-istudenti tiegħek biex iqabblu l-istampa mat-test.

### Agħżla multipla

Agħmel il-kartataħriġ b'għażla multipla malajr b'dan il-ġeneratur. Ikteb il-mistoqsija tiegħek u agħti xi alternattivi, u ikkrea dokument pdf. Teħodlok biss minuta. Uża

għall-prattika tal-vokabularju, taħriġ bilingwu, spjegazzjonijiet, matematika, kartitaħriġ b'mistoqsijiet u tweġibiet, u l-bqija.

### Kliem Nieqes

Żid test fil-ġeneratur tal-kliem, agħżel l-intervall għall-kliem li trid nieqes, iddeċiedi dwar il-qies tat-tipa, ipprintja l-fajl pdf tiegħek u l-kartataħriġ lesta biex tużaha. Issa għandek silta bi kliem nieqes u list qasira ta' kliem mnejn tagħżel l-aħjar kelma.

### Kliem maqsum

Aqsam il-kliem fi tnejn u ħalli l-istudenti jgħaqqduhom, bil-]jiel jew mingħajrhom. Din hi għodda eċċellenti biex tipprattika il-prefissi u s-suffissi, jew sempliċiment biex taħdem fuq il-vokabularju.  Ikteb il-kelma f'żewġ partijiet, jekk trid żid ħjiel, u ipprintja l-fajl pdf tiegħek. Faċli tagħmilha.

### Framework

Agħżel din l-għodda meta trid l-istudenti jimlew kliem fil-framework, stampi jew kliem magħżul mill-clipart gallery. Ikteb il-kliem int innifsek. Jista' jintuża għal studenti bilingwi biex jittraduċu l-kelmiet-ħjiel. Agħżel bejn l-isfond normali jew l-isfond iswed. Tista' wkoll tipprintja t-tweġibiet.

### Sentenzi mħawda

Ikteb sentenza u ipprintja dokument pdf. Il-ġeneratur iħawwad is-sentenza u int għandek kartataħriġ lesta għall-istudenti biex biha jipprattikaw l-ordni tal-kliem.

### Spiral tal-kliem

L-ispiral tal-kliem jaħdem bl-istess mod li taħdem tisliba, imma l-programm jiġġenera l-kaxex f'forma ta' spiral. Tista' wkoll toħloq spiral li għandu l-ewwel u l-aħħar ittra mxebilkin. Dan hu għodda għall-bilingwiżmu wkoll.

### 'Lined'

Din hi għodda biex tagħmel taħriġ tal-kitba għall-istudenti tiegħek. Uża kliemek, uża kliem u stampi mill-clipcart gallery tagħna u staqsi lill-istudenti jispjegawlek għalxiex jintużaw dawn l-oġġetti, kif tużahom, ikteb sentenza fuq il-kelma, jew żid sinonimi għall-kelma. Ħafif għal-livelli kollha.

Biex tipprova dawn ir-riżorsi, ara:
http://www.thelanguagemenu.com

---

[i] http://www.ecdl.org/index.jsp?p=93&n=94
[ii] http://www.ict4lt.org/en/index.htm
[iii] http://multidict.net/clilstore/about.html
[iv] http://about.babbel.com/en/idea/
[v] http://multidict.net/wordlink/about.html
[vi] http://multidict.net/multidict/about.html